MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI ISTRUTTORJA

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tad-9 ta' Mejju, 2007

Numru. 268/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anzjan Pierre Micallef Grimaud)**
**(Spettur Anthony Portelli)**

**Vs**

**James Magri ta' 30 sena, bin Sebastian u Mary nee' Vassallo, imwieled Mtarfa nhar it-22 ta' Marzu 1977 u residenti "Dar Il-Gamiema", Triq il-Buskett, Rabat, u detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 153977(M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat James Magri li permezz taghha huwa gie akkuzzat talli:

1. Nhar is-7 ta' Marzu 2007, f'xi hin wara is-sitta ta' filghaxija gewwa il-Belt Valletta, ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skond il-

ligi minn servizz pubbliku, waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz;
2. Talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi, attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b’hebb, ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra ufficjali tal-pulizija, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li dawn kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghti skond il-ligi;
3. Talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi, ha parti attiva f’gemgha ta’ ghaxra min-nies jew aktar, migburin bil-hsieb li jaghmlu reat ghalkemm dik il-gemgha ta’ nies tkun giet mxewxa minn hadd partikolari;
4. Talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi, ma obdiex l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-pulizija jew ma halliex jew fixkel diversi ufficjali tal-Pulizija waqt li kienu jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b’xi mod bla jedd indahal fl-istess dmirijiet billi ma halliex lil membri tal-Korp tal-Pulizija jaghmlu dak li b’ligi kienu ordnati li jaghmlu u billi hassar jew gab fix-xejn dak li l-membri tal-Korp tal-Pulizija bhala awtorita kienu ghamlu.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha ta’ dan il-procediment.

Semghet illi l-imputat ammetta l-akkuzi migjuba kontra tieghu u dana anke wara illi l-Qorti tatu zmien sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu.

Ikkunsidrat,

Illi fid-dawl ta’ l-ammissjoni maghmula mill-imputat f’dana l-istadju bikri tal-proceduri il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi migjuba kontra tieghu. Illi dwar piena il-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni il-fatt illi l-imputat jidher illi ikkollabora bi shih mal-pulzija fl-investigazzjonijiet taghhom u ghandu fedina penali netta. Jidher ghalhekk illi dina hija l-ewwel darba illi huwa xiref difrejgh mal-gustizzja. Inoltre mill-istqarrijiet esebiti bhala Dokumenti JM4, JM5 u JM6, jidher illi l-imputat ma kellu l-

ebda hsieb li jikkometti xi reat, izda inqabad fil-gemgha u folla tan-nies illi ippartecipaw fil-protesta ta’ l-ghaqda tal-kaccatturi dak in-nhar tas-7 ta’ Marzu 2007 li wasslu sabiex ittiehdu dawn il-proceduri fil-konfront tieghu.

Il-Qorti, ghaldaqstant qieghda taqta` u tiddeciedi billi fuq ammissjoni ta’ l-imputat u wara li rat l-artikoli 68(2), 95 u 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta issib lill-imputat James Magri hati ta’l-akkuzi kif dedotti u fid-dawl tal-konsiderazzjnijeit hawn fuq maghmula, wara li rat l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta qieghda tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni illi huwa ma jikkomettix reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati bil-konsegwenzi skond il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dana il-perjodu ta’ liberazzjoni taht kundizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------